MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Numru 1031/2005

Il-Pulizija
(Spettur illum Supretendent Carmel Bartolo u Spettur Michael Mallia)

vs

Adam Dalli

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 425950(M) akkuzat talli:

1. nhar l-10 ta' Novembru 2005 ghal habta tas-6.30 ta' filghaxija volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tiskorri l-Lm50, saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija Malta International Airport plc u/jew persuni ohra;

2. nhar it-12 ta’ Novembru 2005 ghal habta tal-4.45 ta’ filghaxija f’dawn il-Gzejjer rema, tefa jew xort ohra iddepozita f’post, gewwa post jew minn xi post fil-berah li l-pubbliku ghandu d-dritt jew jista’ jidhol fih minghajr hlas u halla xi haga tkun li tkun f’cirkostanzi tali li tikkaguna, tikkontribwixxi jew li tista’ twassal ghat-tkerrih biz-zibel u skart ta’ xi post fil-berah kemm-il darba dak id-depositu u t-thollija ma jkunux awrtorizzati b’ligi u dan bi ksur tal-Att dwar Zibel u Skart Kap.206 Art.3;

Il-Qorti mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi tordna l-konfiska tal-vettura KAJ 984 ghal zmien ta’ mhux anqas minn xahrejn u tordna wkoll is-sospensjoni ta’ kull licenza tas-sewqan tal-imputat ghal dak iz-zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li permezz taghhom bghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn dina l-Qorti sabiex tiddecidi dwar il-htija o meno tieghu fin-nuqqas ta’ opposizzjoni tieghu;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

Huma tnejn l-incidenti li jikkostitwixxu l-isfond tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat. It-tnejn huma relatati ma xulxin biss filli l-imputat fit-tieni incident gie konness mal-ewwel. L-incidenti in kwistjoni jirreferu ghal granet tal-10 u t-12 ta’ Novembru 2005 fejn f’ta’ l-ewwel ghal hin tal-6:30 ta’ filghaxija saret hsara permezz ta’ likwidu iswed lill-bini tal-Arjuport Internazzjonali ta’ Malta u fit-tieni fejn l-imputat gie mwaqqaf minn membri tal-korp ta’ Pulizija waqt li kien qed isuq vettura numru ta’ registrazzjoni KAJ 984 tal-ghamla Hyundai Stellar fi Triq Garibaldi, Marsa, u gie osservat jitfa bicciet ta’ karti ghal

fuq it-triq f’numru konsiderevoli mit-tieqa tal-vettura li kien qed isuq.

Issa fir-rigward t-tieni incident il-provi huma ta’ tali portata li ma jhallu ebda dubbju ta’ htija. Ic-cahda tal-imputat fl-istqarrija tieghu, bensi’ hu ghazel li ma jixhidx, ghandha mill-inkredibbli. Hemm ix-xhieda skejtta ta’ zewg Spetturi (illum Supretendenti) li proprju f’dak il-hin kienu gewwa vettura tal-pulizija tinstaq preciz wara l-vettura tal-imputat u nonostante rinfaccjat b’dan il-fatt l-imputat jirribattih semplicement billi jistqarr li kienu ghaddejjin numru ta’ vetturi. Izda mhux hekk biss billi l-Pulizija li nzertaw kienu ezattament wara l-imputat kienu segwewh u rawh jarmi l-karti ghal fuq it-triq ghal xi distanza u oltre dan l-imputat kien wahdu fil-vettura. Altru allura li din it-tieni imputazzjoni ma gietx pruvata. Fil-kuntest tar-reat l-ammont ta’ karti li ntefghew kienu f’numru konsiderevoli kif jixhed l-esebit folio 26.

Ghal dak li ghandu x’jaqsam ma’ l-ewwel incident jirrisulta li fil-hin li l-Pulizija kienu waqfu l-imputat fit-tieni incident gihom suspett li l-imputat kien l-istess persuna li jumejn qabel wettaq, permezz ta’ tifi ta’ zejt, hsara fil-bini tal-Arjuport Internazzjonali ta’ Malta. Dan is-suspett qam filli mill-filmat li ittiehed minn registrazjoni tas-CCTVs installati mal-bini tal-Arjoport deher li l-persuna li wettqet ir-reat kien b’vettura Hyundai li dehret ta’ kulur u bi hsara riskontrata fuq il-vettura tal-istess kulur misjuqa mill-imputat fit-tieni incident. Hu x’inhu il-kaz pero’, abbinat mal-filmat li ittiehed u li jinsab esebit flimkien ma’ xi fotogrammi li gew riprodotti minn fuqu, din il-Qorti nizzlet fiha konvinciment, ‘il fuq minn kull dubbju ragonevoli, li l-imputat kienet il-persuna li wettqet l-att vandalu mal-bini tal-Arjuport Internazzjonali tal-Gudja. Mill-provi jirrisulta li l-ammont ta’ hsara kien fl-ammont ta’ Lm150.

Ghaldaqstant, issib l-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Rat l-Artikolu 325 u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 3 tal-Kap 206. Tapplika fil-konfront tieghu l-Kap

446, Artikolu 22, li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum u torbtu li jhallas il-hsara imwettqa minnu fl-ammont ta' Lm150 ekwivalenti ghal 349 euro lid-danneggjat fi zmien li ma jiskorrux it-tlett xhur mill-lum. Dwar it-tieni akkuza, ossija dik taht il-Kap 206, tikkundannah hamsin Euro (€50) multa oltre li tordna l-konfiska tal-vettura KAJ 984 ghall-perjodu ta' xahrejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------